sħiħ b'wieħed minn sħabhom. waħda jidħku u jagħmlu storbju Ftakart, bla ma ridt, meta jum fost l-oħrajn smajt ħafna għajat f'gallinar tat-tiġieġ li fih kien hemm jitrabbew xi erba' bċiċen. Meta mort nara fuqiex kienet dik il-ħamba kollha, insib lill-gallinar kollu mdawwar madwar beċċun, u kulħadd inaqqar fih. Fost qabda tferfir ta' ġwienaħ, dwak it-tjur kienu qegħdin fl-akbar għors inaqqru ftit ftit fil-beċċun li għalkemm nofsu haj, għajnejh imberrqa, lsienu jilheġ, sidru tiela' u nieżel, kellu nofs ġismu mikul.

Mur għidilhom lil dawk iż-żgħar ma jaħsbuhiex, għaliex xi erbat ijiem qabel kont rajt lil dak li ftit ilu kienu qegħdin jiżżufjettaw bih, għaddej ħafi jgħaġġel minn taħt il taħt ta' triq, b'ilbies ħafif imċappsin bi dbabar bojod bħallikieku ta' dqiq! Sewwa għaddhieli minn moħħi dik il-lejla.

Tabilħaqq li l-ħmar il-magħkur idur għalih id-dubbien..

---

## KRONAKA TAL-GHAQDA

Nifirħu bil-qalb lis-Sur Salv Gatt li dan l-aħħar laħaq il-kariga għolja ta' Assistent Direttur ta' l-Edukazzjoni.

Is-Sur Salv Gatt huwa wieħed mill-Membri tal-Għaqda u dejjem wera ħrara kbira għall-istudju tal-Malti. Sa minn meta l-Malti daħal bħala materja ta' tagħlim fil-Liċeo u fl-Iskejjel Primarji tal-Gvern kien wieħed minn ta' l-ewwel li ngħażel fost xi tnejn oħra minn sħabu biex igħallem il-Malti fil-klassijiet tal-Liċeo, barra mid-dmirijiet l-oħra li kellu dik il-ħabta bħala Kap-Surmast ta' l-Iskola tal-Birgu. 'L hawn u 'l hinn kien inkarigat ukoll bix-xogħol ta' traduzzjonijiet bil-Malti ta' bċejjeċ mill-Istorja ta' Malta, barra milli mbagħad baqa' jinteressa ruħu bit-traduzzjonijiet bil-Malti ta' ħwejjeġ oħra bħal dik tal-Ħajja ta' San Pawl u b'xi kitba bil-Malti f'xi rivisti.

Il-Għaqda, għalhekk, fil-waqt li tifraħlu tittama wkoll illi l-kariga għolja li fiha issa laħaq fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni tagħtih iżjed l-opportunità li jieħu sehem fit-twettiq u progress tat-tagħlim sod tal-Malti.



# IL-BIBBJA BHALA LETTERATURA

*Ta'* K. SANT

I

NISTHAJJEL lil xi ħadd igħidli qatt ma smajna li l-Bibbja hi letteratura; dejjem kien minn għalina li l-Bibbja hi ktieb t'Alla fejn fiha nsibu t-tagħlim reliġjuż u xi stejjer li għandhom x'jaqsmu mall-poplu Lhudi u l-Ħajja ta' Ġesù; il-bqija ma nafux li hemm xi ġmiel letterarju kif għandu jkun hemm f'kull ktieb li jkun jixraqlu l-isem ta' letteratura. Il-Bibbja hi l-ikbar letteratura li d-dinja għandha u l-iktar waħda li kellha qawwa fuq it-tnissil u t-trawwim taċ-ċivilta ta' l-Ewropa sew fil-qasam tal-ħsieb, kemm fil-qasam ta' l-arti letterarja, biex ma ngħidx fl-arti kollha. Dawk kollha li għandhom l-inqas idea tal-letteratura Ingliża, jafu tajjeb il-post li għandha fil-letteratura Ingliża l-Authorized Version li l-protestanti għadhom jinqdew biha sal-lum. U Santu Wistin, il-Professur tar-Rettorika Klassika Latina stqarr: *Meta jiena nkun fhimt lil dawn il-kittieba Mqaddsa jiena nħoss mhux biss li huma l-egħref, iżda wkoll l-ikbar fis-sengħa tal-ġmiel.* (De Doctrina Christiana VI. 9).

Fuq dan bi ħsiebni nitkellem f'din is-sensiela ta' artikoli: naraw għax il-Bibbja hi letteratura fis-sens tabilħaqq tal-kelma, u naraw x'effett jista' jkollha fuq il-kitba Maltija l-kelma t'Alla miġbura u miktuba fiha. Fl-ewwel wieħed naraw in-natura letterarja tal-Bibbja, fit-tieni naraw il-poeżija li fiha, fit-tielet il-proża u fl-aħħar nistudjaw x'effetti jista' jkollha fuq il-kitba Maltija.

Qabel nibdew irrid ngħid kelma: Il-Bibbja hi l-kelma ta' Alla, hekk tgħallimna l-Knisja u hekk għandna nemmnu; iżda l-Bibbja hi kelma tal-bnedmin ukoll; il-kelma t'Alla twaħħdet mal-kelma tal-bniedem bħalma l-Iben t'Alla sar bniedem: *Verbum caro factum est.* F'dawn l-artikoli se nqisu l-kelma t'Alla, il-Bibbja, bħala kelma tal-bniedem biex naraw il-libsa li ħadet fil-moħħ u l-kitba tal-Kittieba Mqaddsa mgħejjunin mill-Ispirazzjoni divina.

X'nifhmu qabel xejn meta ngħidu letteratura? B'din il-kelma nifhmu dik il-ġemgħa ta' kotba miktuba bis-sengħa u